DIRETTORAT GHAL
KWALITA` U STANDARDS FL-EDUKAZZJONI
FLORIANA VLT 2000
MALTA

DIRECTORATE FOR
QUALITY AND STANDARDS IN EDUCATION
FLORIANA VLT 2000
MALTA

# Id-Dipartiment tat-Tmexxija tal-Kurrikulu

**Tel:** 2598 2426 / 2598 2425 **Indirizz Elettroniku:** gaetano.bugeja@ilearn.edu.mt

## ĊIRKULARI

**Informazzjoni:** X **Data:** 7 ta' Jannar 2016

**Azzjoni:** X **Ref:** DCM 004/2016

**Lill- :** Kapijiet tal-Iskejjel Sekondarji tal-Istat, Indipendenti u tal-Knisja u Sezzjonijiet

**Mingħand:** David Muscat, George Mifsud u Doreen Coleiro – Uffiċjali Edukattivi tal-Malti

**Suġġett:** Films qosra fuq Poeżiji tas-Sillabu tal-Malti taċ-ĊES 2016

---

Nhar it-Tlieta 19 ta' Jannar 2016, id-Dipartiment tat-Tmexxija tal-Kurrikulu tal-Ministeru għall-Edukazzjoni u x-Xogħol bi sħab mal-Istitut tal-Arti u d-Disinn tal-Kulleġġ Malti tal-Arti, ix-Xjenza u t-Teknoloġija (l-MCAST) se jkunu qegħdin juru għall-ewwel darba 10 films qosra ġodda fuq poeżiji li hemm fis-sillabu tal-Malti taċ-ĊES. Dawn il-films inħadmu minn studenti tal-istess istitut li qed jagħmlu l-Baċellerat fl-Oqsma tal-Midja taħt id-direzzjoni tas-Sur Ian Attard.

Bi pjaċir id-Dipartiment tat-Tmexxija tal-Kurrikulu jistieden u jħeġġeġ lill-kapijiet tal-iskejjel sekondarji biex jibagħtu klassi jew grupp ta' studenti ta' mhux aktar minn 25 student/a mill-iskola tagħhom tar-4 jew tal-5 sena tas-Sekondarja biex jaraw dawn il-films fil-ġurnata msemmija. Il-films se jintwerew fis-sala tal-wirjiet tal-Istitut tal-Arti u d-Disinn, l-MCAST, Tarġa Gap, il-Mosta. Il-films se jintwerew tliet darbiet, fid-9:00, fl-10:30 u fl-12:00. L-iskejjel iridu jagħżlu liema sessjoni se jattendu għaliha u jwasslu l-istudenti fil-post imsemmi kwarta qabel. Il-films jgħinu lill-istudenti jinterpretaw il-poeżiji, japprezzawhom aktar u jistgħu jservu ta' reviżjoni għall-eżami tal-Malti taċ-ĊES.

**Dawk l-iskejjel li jixtiequ jibagħtu klassi jew grupp ta' studenti għandhom jibagħtu ittra elettronika lis-Sur David Muscat, fl-indirizz elettroniku david.muscat.4@ilearn.edu.mt sa nhar il-Ġimgħa 15 ta' Jannar 2016. Min ikollu xi diffikultà jista' jċempel 2598 2907.** Billi l-postijiet huma limitati jiġu aċċettati l-ewwel klassijiet jew gruppi ta' studenti tal-iskejjel li japplikaw.

Grazzi tal-kollaborazzjoni,

**Gaetano Bugeja**
**Direttur,**
**Dipartiment tat-Tmexxija tal-Kurrikulu**